Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 361/2010

**Tony Borg (I.D. Card Nru. 20875M)**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Tony Borg permezz ta' liema jitlob li t-talbiet ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta avvanzati kontra tieghu permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2010, ghall-hlas tas-somma ta' €591.13 rapprezentanti drittijiet ta' licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IBC-242 mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-ittra ufficjali u ghall-hlas tal-multa amministrattiva ghal perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u l-31 ta' Awissu 2010 ammontanti ghal €668.00, jigu dikjarati infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-Awtorità intimata, ghaliex: A) in kwantu jirrigwarda t-talba ghall-hlas ta' drittijiet ta' licenzja ghac-cirkolazzjoni ta' l-imsemmija vettura, l-istess vettura ilha mhux fic-

cirkolazzjoni minn qabel Ottubru 2002 u r-Rikorrent ma jafx fejn u ghand min qieghda din il-vettura. Huwa kien ftiehem ma' terza persuna biex jiehu l-vettura in kwistjoni sabiex tigi *scrapped* izda in segwitu rrizulta li l-istess vettura giet misruqa, u ghalhekk ir-Rikorrent ma ghandux jigi kkundannat ihallas licenzja ghac-cirkolazzjoni ta' vettura li minn Ottubru 2002 ma ghadhiex fil-pussess tieghu. Fi kwalunke kaz l-Awtorità intimata trid tipprova li l-ammont minnha mitlub hu effettivament dovut mir-Rikorrent u b'hekk ebda ammont ma hu dovut skond il-Ligi; u B) in kwantu jirrigwarda l-multa amministrattiva *l-imposizzjoni o meno ta' tali piena trid necessarjament tghaddi l-process gudizzjarju biex wiehed jixtarr jekk hiex gustifikata o meno … l-imposizzjoni o meno ta' l-istess tehtieg necessarjament il-kanonizzazzjoni ossia l-pronunzjament ta' Qorti u mhiex xi dritt awtomatiku ta' l-Awtorità intimata … l-penali amministrattiva tista' biss tibda tiddekorri min-notifika ta' l-ittra ufficjali u mhux qabel. Illi f'dan il-kaz lanqas minn issa l-quddiem ma tista' tiddekorri piena amministrattiva peress li l-esponenti bil-prezenti qed jinforma lill-awtorita illi f'Ottubru 2002 huwa kien ta lil xi hadd ghall-iscrap u wara haseb li giet misruqa però qatt ma sema xejn u kwindi assuma li kollox kien sew … di piu ebda penali m'hu dovut ghax una volta … mhux dovut ebda hlasijiet ta' licenzja jsegwi li lanqas il-penali konsegwenzjali m'huma dovuti*;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontrih, ghaliex: (i) fl-ewwel lok ir-Rikorrenti jrid jipprova dak minnu allegat; (ii) ir-Rikorrenti mhux konsistenti f'dak li jghid ghaliex filwaqt li jsostni li l-vettura in kwistjoni ma ghadhiex fic-cirkolazzjoni fl-istess hin jghid li l-istess giet misruqa u ma jafx x'sar minnha; (iii) skond l-Awtorità intimata l-licenzja tal-vettura trid tithallas anke jekk il-vettura tinzamm f'*garage* u l-uniku mod biex il-licenzja ma tithallasx huwa billi jigu ritornati l-*plates* tal-vettura lill-istess Awtorità; (iv) ladarba r-Rikorrenti ma ghamilx il-formalitajiet rikjesti mill-Ligi, fosthom ma tax avviz lill-Awtorità li l-vettura in kwistjoni ma kenitx ghadha iktar ghandu, hu jibqa' responsabbli skond il-Ligi ghall-hlas tal-licenzja skond dak provdut fl-Artikolu 26 tal-Kap.

65 tal-Ligijiet ta' Malta; u (v) fir-rigward tal-penali amministrattiva l-Awtorità intimata tikkontendi li tali penali ma tifformax parti mill-ammont dovut u rikjest bl-ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Rikorrenti huwa sa' issa biss imwissi li hemm tali penali ghaddejja fil-konfront tieghu;

Semghet ix-xhieda moghtija mir-Rikorrenti waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011[1] u x-xhieda moghtija minn Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2011[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol. 20 u 21 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2010, l-Awtorità intimata interpellat lir-Rikorrenti sabiex ihallas is-somma ta' €591.13, rapprezentanti drittijiet ta' licenzja tac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IBC-242 mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-ittra, u wissietu li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009 qed tiddekorri fil-konfront tieghu multa amministrattiva ta' €2.00 kuljum ai termini tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjat ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02. Ir-Rikorrenti jikkontesta t-talba ta' l-Awtorità intimata u jikkontendi li ma hu dovut ebda hlas minnu lill-istess Awtorità.

Mir-Rikors promotur jirrizulta li l-opposizzjoni tar-Rikorrenti ghat-talba ta' l-Awtorità intimata ghall-hlas tal-licenzji tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IBC-242 hi *inter alia* ibbazata fuq il-pretensjoni li la l-licenzja hija dovuta ghac-cirkolazzjoni tal-vettura, fil-kaz in ezami ebda hlas ma hu dovut ghaliex il-vettura in kwistjoni ilha minn Ottubru 2002 mhux fic-cirkolazzjoni u addirittura lanqas biss jaf x'sar minnha.

[1] Fol. 14 sa' 16 tal-process.
[2] Fol. 22 sa' 23 tal-process.

Mix-xhieda tar-Rikorrent jirrizulta li ghall-habta tas-sena 2000/2001 huwa kien iddecieda li jiskrappja l-vettura in kwistjoni u darba minnhom kien iltaqa' ma' persuna, li l-identità taghha baqghet mhux maghrufa, illi kienet offrietlu li tiehu l-vettura biex tigi *scrapped* u tiehu hsieb il-pjanci wkoll. Ir-Rikorrent accetta din l-offerta u ghalhekk il-vettura, li kien izommha go garage, hallieha barra biex tingabar minn din il-persuna. Wara xi jumejn jew tlieta l-vettura ma rahiex iktar u assuma li ttiehdet minn dik il-persuna biex tigi *scrapped* u ma hasibx iktar fiha. Madanakollu wara ftit taz-zmien ircieva citazzjoni fuq il-vettura u hemm irrealizza li din x'aktarx insterqet. Rapport lill-Pulizija dwar l-allegat serq tal-vettura ma sarx ghaliex billi l-licenzja tal-vettura ma kenitx imhallsa r-Rikorrent beza li kien jehel multa u ghalhekk halla kollox kif kien u ma sema' xejn iktar dwar il-vettura sakemm gie notifikat bl-ittra ufficjali tas-17 ta' Settembru 2010 mibghuta lilu mill-Awtorità intimata[3].

Ghalkemm huwa minnu li l-licenzja ghac-cirkolazzjoni hija licenzja mehtiega biex vettura ddur fit-toroq ta' Malta, tali licenzja hija mehtiega wkoll sabiex vettura tista' tigi legalment ipparkjatha fit-triq. Dan ifisser ghalhekk li jekk il-versjoni tal-fatti moghtija mir-Rikorrenti hija veritjera u din il-vettura kienet tinzamm go garage u mhux fit-triq, fil-mument li r-Rikorrenti halla l-vettura pparkjata barra biex tittiehed biex tigi *scrapped* certament skatta l-obbligu fl-istess Rikorrent li jhallas il-licenzja fuq il-vettura. Huwa immaterjali li hu seta' zamm ic-cwievet tal-vettura ghandu biex skond hu ma tinstaqx, ghaliex, jigi ribadit, l-obbligu tal-hlas jiskatta hekk kif il-vettura tinhareg fit-triq, anke jekk semplicement biex tibqa' pparkjata. Huwa ghalkollox immaterjali wkoll li din il-vettura setghet insterqet minn terzi injoti ghaliex l-obbligu tar-Rikorrenti ghall-hlas tal-licenzja kien già skatta w in verità in-nuqqas tieghu li jirrapprota s-serq u jiehu l-mizuri mehtiega biex il-posizzjoni tieghu tigi regolarizzata, partikolarment meta rcieva citazzjoni fuq l-istess vettura, ma kien xejn ghajr ta' pregudizzju ghalih stess ghaliex l-obbligu tieghu tal-hlas tal-licenzja baqa' jiggedded minn sena ghal sena.

---

[3] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011, fol. 14 sa' 15 tal-process.

Mix-xhieda tar-Rikorrenti jirrizulta wkoll li l-vettura in kwistjoni kienet qed tinzamm go *garage*: *il-vettura IBC-242 kienet proprjetà tieghi. Jiena kelli din il-vettura ghandi qabel ma izzewwgit. Meta imbaghad izzewwigt jiena kont xtrajt vettura ohra. Irrid nghid li din il-vettura IBC-242 kienu harquhielna fil-gurnata tat-tieg u l-mara umbrata u ma riedetx issuqha aktar. Ghall-habta tal-2000/2001 konna ddecidejna li niskrepjawlha in-numri. … Il-vettura kont inzomha f'garaxx u kont ftehmt mieghu li nhallihielu barra jigi jehodha, imbaghad kif ghedt kont nirrifondilu spejjez li jinkorri.* Ghalkemm jidher li l-vettura kienet qed tinzamm f'*garage* u kienet ilha ftit taz-zmien tinzamm fil-*garage* qabel ma fis-sena 2000/2001 ittiehdet id-decizjoni li tigi *scrapped,* il-licenzja ta' dik il-vettura xorta thallset sat-30 ta' Settembru 2002. Dan juri bic-car li r-Rikorrenti kien konsapevoli tal-fatt li ghad illi il-vettura kienet qed tinzamm go *garage* u mhux fic-cirkolazzjoni, hu xorta kellu l-obbligu li jhallas il-licenjza fuq il-vettura.

Apparte dan kollu, minn qari akkurat tax-xhieda tar-Rikorrenti tirrizulta ammissjoni da parte tieghu li kien tenut ihallas il-licenzja fuq il-vettura izda dan baqa' ma ghamlux. Huwa xehed *wara xi tliet gimghat jew erbgha li din il-vettura ma kienetx aktar quddiem id-dar, ircevejt citazzjoni fir-rigward ta' l-istess vettura. Din kienet citazzjoni tal-wardens, hadt nota tat-triq fejn inghatat ic-citazzjoni u mort hemmhekk biex nara nsibx il-vettura, izda l-vettura ma sibtiex. <u>Peress illi fiz-zmien tac-citazzjoni, l-licenzja tal-vettura kienet skaduta, jiena bzajt immur naghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ghax bzajt li ser nehel multa ghall-fatt li kienet qed iddur il-vettura b'licenzja skaduta.</u> Jiena ghadni sal-gurnata ta' illum ma nafx fejn hi l-vettura u lanqas in-numri relattivi taghha*[4]*.*

Il-fatt li din il-vettura ma baqghatx iktar fil-pussess tar-Rikorrenti ma jezonerax lill-istess Rikorrenti mill-obbligu tal-hlas tal-licenzja partikolarment meta kien jaf li din kienet fic-cirkolazzjoni u ma ghamel xejn biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. L-obbligu tal-hlas tal-

[4] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011, fol. 14 sa' 15 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.

licenzja jibqa' fuq sid il-vettura – f'dan il-kaz ir-Rikorrenti – sakemm ma jigix ippruvat b'mod sodisfacenti li tali hlas mhux dovut, prova li f'dan il-kaz ir-Rikorrenti ma jrenxxilux jaghmel. F'dan ir-rigward ghalhekk japplika dak dispost fl-Artikolu 57(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta *sid il-vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenza relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas tal-ammont dovut ghad-dritt tal-licenza rilevanti*.

Ir-Rikorrenti jikkontendi li fi kwalunkwe kaz l-Awtorità intimata ma rnexxilhiex tressaq il-prova rikjesta mill-Ligi li l-hlas minnha pretiz huwa fil-fatt dovut. Huwa jibbaza din il-kontestazzjoni fuq l-affermazzjoni li l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata fuq liema l-Awtorità intimata tibbaza t-talba taghha ghall-hlas tas-somma ta' €591.13, rapprezentanti d-drittijiet fuq licenzja ghac-cirkolazzjoni mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-ittra ufficjali, tigi registrata minn diversi nies u mhux minn persuna wahda u b'hekk l-Awtorità waslet ghall-figura imsemmija biss *by exclusion*.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur* [fil-kaz in ezami lill-Awtorità Intimata *qua* kreditrici] *b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali teighu illi l-konvenut* [fil-kaz in ezami r-Rikorrenti *qua* debitur] *huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur.* ***Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi mbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut***[5].

Fil-fehma tal-Qorti bix-xhieda ta' Brian Farrugia u bid-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2011, l-Awtorità intimata rnexxielha tipprova, imqar *prima*

---

[5] Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Civili Nru. 554/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.

*facie*, li r-Rikorrenti huwa debitur taghha fis-somma minnha pretiza u ghalhekk kien jinkombi fuq l-istess Rikorrenti li jipprova l-kuntrarju u li l-ammont pretiz mhux dovut minnu. Din il-prova però ma saritx u ghaldaqstant dak sottomess mir-Rikorrenti fir-rigward tal-valur probatorju tad-dokumenti esebiti minn Brian Farrugia ma jregix.

Ghaldaqstant l-ammont pretiz mill-Awtorità intimata bl-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2010 bhala rapprezentanti drittijiet tal-licenzja tac-cirkolazzjoni fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IBC-242 mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-ittra, huwa dovut u huwa dovut mir-Rikorrenti.

Ir-Rikorrenti jikkontesta wkoll l-imposizzjoni ta' multa amministrattiva bis-sahha ta' l-Avviz Legali 198 ta' l-2009 [Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02]. Huwa jikkontendi li bl-ittra ufficjali in kwistjoni qed jigi interpellat ghall-hlas ta' din il-multa amministrattiva filwaqt li l-Awtorità intimata tghid li bl-istess ittra r-Rikorrenti qed jigi biss imwissi b'din il-multa amministrattiva.

L-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2010 inharget a tenur ta' l-Artikolu 57(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-procedura istitwita mir-Rikorrenti ukoll tirrizulta mill-istess imsemmi artikolu tal-Ligi li jipprovdi: *meta l-Awtorità taghti xi avviz bil-mezz ta' ittra ufficjali li l-imsemmija persuna tkun civilment responsabbli ghall-hlas ta' xi ammont dovut lill-Awtorità taht dan l-artikolu, l-imsemmi avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet tat-Titlu VII tal-Parti I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kemm-il darba l-persuna avzata ma tibdiex procediment fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni civili sabiex toggezzjona ghall-imsemmi avviz fi zmien tletin jum mid-data li l-imsemmi avviz ikun gie notifikat lilha.*

Huwa ferm car li dan l-artikolu ma jikkontemplax it-talba ghall-hlas tal-multa amministrattiva rizultanti mir-Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 izda biss it-talba ghall-hlas ta' licenzji dovuti u ghalhekk bl-

ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi l-Awtorità intimata ma hijiex qed, u del resto lanqas tista’, titlob il-hlas tal-multa amministrattiva imsemmija. Fid-dawl ta’ dan u b’zieda ma’ l-istess, jigi osservat li dak dispost fl-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta rigward is-sahha ezekuttiva ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 2010, lanqas ma ghandu japplika fir-rigward tal-multa amministrattiva imsemmija.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tar-Rikorrenti. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------